# ARTIKLU

Mis-Sur Tony Terribile



## X'JISIMHA T-TRIQ

Fl-ewwel parti tal-programm se naraw ismijiet ta' toroq ta' persunaġġi li twieldu jew li kellhom rabta ma' dan ir-raħal u l-ewwel isem li jaqa' taħt għajnejna huwa l-isem ta' triq Stefano Zerafa.
Stefano Zerafa twieled Ħal Għargħur fid-9 ta' Ottubru tas-sena 1791. Studja u pprattika il-mediċina bis-serjetà tant li fl-1818 inħatar professur ta' dan il-qasam. Kien ukoll professur tal-Fisoloġija u tal-Patoloġija u ta' l-Istorja Naturali. L-interess tiegħu f'dan il-qasam wassluh biex jieħu taħt idejh il-Ġonna Botaniċi tal-Floriana. Kellu interess kbir fil-pjanti li jikbru fil-beraħ tal-kampanja Maltija u fl-1831 ippubblika studju speċjalizzat fuq il-pjanti li jikbru f'dawn il-gżejjer u semmieħ Flore Melitensis Thesaurus.
Kien Stefano Zerafa li f'dan l-istudju jsemmi għall-ewwel darba il-pjanta Centaura Soathulata li kien sab fuq l-għoljiet fin-naħa ta' nofsinhar ta' Malta. Din il-pjanta hi wkoll magħrufa bħal Widnet il-Baħar u llum din hi magħrufa bħala il-pjanta Nazzjonali Maltija.
Żerafa ppubblika xogħolijiet u studji oħrajn marbuta mal-botanika.
Miet fil-25 ta' Marzu tas-sena 1871 u indifen fiż-Żurrieq.
Kien tabilħaqq xieraq li f'Ħal Għargħur, raħal twelidu, tissemma triq għalih.

Triq Emanuel Perren, qegħda tfakkar dan il-pittur ta' nisel Spanjol li kien pitter il-kwadru titulari ta' San Bartilmew li llum m'għadux jeżisti, għaliex fl-1902 sar il-kwadru li naraw illum impitter minn Calì. Perren kien pittur li ħadem aktar xogħlijiet fil-gżejjer tagħna fosthom il-kwadru ta' Santu Rokku li jinsab fil-knisja ddedikata lil dan il-qaddis fl-Imdina.
Ħasra li dan il-kwadru ta' Perren f'Ħal Għargħur spiċċa, iżda l-isem ta' din it-triq għadha tfakkrna f'dan il-pittur ta' Malta ta' żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann.

Triq Vendome, tħallina f'istess żminijiet. Alexander ta' Vendome kien il-Gran Prijur tal-Lingwa ta' Franza u li fl-1614 għen finanzjarjament il-bini tas-swar li komplew isaħħu il-forti Sant' Iermu. Dawn is-swar issemgħu is-Swar ta' Vendome. Ħasra li llum l-isem ta' dawn is-swar intesa iżda Vendome għadu imfakkar permezz ta' l-isem ta' din it-triq f'Ħal Għargħur.

Triq Dun Alwiġ Catania qegħda tfakkarna f'dan il-qassis Għargħuri li twieled lejn nofs is-seklu dsatax. Kien bniedem intelliġenti ħafna u meta kien għadu student kien ġie l-ewwel fil-kors tat-Teoloġija u għalhekk kien rebaħ borza ta' studju u mar jistudja l-filosofija fl-Università Gregorjana ta' Ruma fejn kien kiseb il-Ph.D.
Mill-1925 sal-1935 kien il-kappillan ta' Ħaż-Żabbar u hawn rabat ismu mal-bini tal-koppla. Minkejja li kien impenjat b'ħafna xogħol iżda, ma ttraskurax l-istudji u tant hu hekk li wara li spiċċa minn kappillan sar professur tal-Liġi Dommatika fl-Università Rjali ta' Malta u aktar tard sar ukoll Monsinjur tal-Katidral. Kellu moħħu ċar daqs il-kristall, jaf ifiehem b'kelma ħafifa u oratur tajjeb. Dar il-knejjes kollha ta' dawn il-gżejjer jippriedka.
L-istudenti universitarji tas-snin ta' qabel il-gwerra raw fih wieħed mill-aqwa professuri. L-aħħar snin ta' ħajtu għaddihom bħala kappillan tal-pulizija. Miet fis-snin erbgħin meta l-gżejjer tagħna kienu fi stat ta' gwerra.
L-isem ta' din it-triq qegħda tfakkarna f'dan il-qassis għaref, wild ta' dan ir-raħal.

Triq il-Mitħna huwa marbut ma' waħda mill-imtieħen li nsibu f'dan ir-raħal ta' Ħal Għargħur. Billi dan ir-raħal jinsab fil-għoli, fl-imgħoddi kien imfittex ħafna għal imtieħen.
L-imtieħen ta' Malta ġew imfassla fuq dawk ta' Majorka li kien post it-twelid tal-Gran Mastru Nikola

Cottoner li ntroduċa din is-sistema ta' imtieħen fil-gżejjer tagħna.
Fi żmien l-Ordni inbnew madwar tlieta u tletin mitħna u wkoll fi żmien l-Ingliżi komplew jibnew aktar imtieħen minn individwi privati. Illum f'Ħal Għargħur għandna żewġ imtieħen u għalhekk triq waħda minnhom hi magħrufa bħala Triq il-Mitna.
Il-misraħ prinċipali ta' dan ir-raħal huwa msejjaħ bħala Misraħ il-Knisja. Din hi mibnija fl-istess post fejn kienet wieqfa l-knisja oriġinali, li kienet ukoll iddedikta lil San Bartilmew. Din il-knisja ta' llum bdiet tinbena bil-ħidma tal-kappillan Dun Ġwann Battista fl-1612 fuq il-pjanta ta' Tumas Dingli.
Il-faċċata tagħha, li tiddomina dan il-misraħ, inbniet fl-1743 u għalhekk fiha jinħass l-istil Barokk.
Mhux bogħod minn dan il-misraħ insibu triq imsemmija għal qaddis padrun ta' dan ir-raħal San Bartilmew.
Hemm bosta studjużi li jsostnu li San Bartilmew (Bar Tolmai ifisser iben Tolmai) hu l-istess peruna li ġġib l-isem ta' Natanjel li meta ra lil Ġesù stqarru minnufih bħala l-Iben t'Alla. Ġesù sejjaħlu bħala l-vera Iżraelita li ma hemm ebda qerq fih. Skond Ewsebju ta' Cesarea, l-appostlu San Bartilmew, ippriedka fil-Lvant u wasal l-Indja u skond San Ġwann Grisostmu mar ukoll fl-inħawi ta' Likaonja waqt li San Girgor ta' Tours jgħidilna li fl-aħħar mar ukoll fl-Armenja fejn ħa l-martirju. Il-fdal tiegħu jinsab f'Ruma, fil-knisja tiegħu fuq il-gżira Tiberina tal-patrijiet Franġiskani Minuri. Fid-dinja nsibu bosta knejjes iddedikati lilu. Magħrufa ħafna huma l-knejjes ta' Benevento fl-Italja u ta' Frankfurt fil-Ġermanja.
F'Malta nsibu knejjes iddedikati lilu f'Ħal Tarxien u fir-Rabat iżda l-knisja ta' Ħal Għargħur hi l-unika Parroċċa f'dawn il-gżejjer iddedikata lilu.

Triq in-Naxxar li nsibu f'dan ir-raħa qegħda tfakkarna li fl-imgħoddi imbiegħed Ħal Għargħur kien jagħmel parti min-Naxxar, iżda fl-1610 l-Isqof Gargallo firidhom minn xulxin.
Id-dokument tat-twaqqif ta' din il-Parroċċa ta' Ħal Għargħur juri biċ-ċar li l-Isqof Gargallo waqqaf din il-Parroċċa meta miet il-Kappillan tan-Naxxar Dun Ġiljan Borg li dan kien assolutament kontra din il-firda.
Hawnhekk hu interessanti li wieħed jinnota li dan l-Isqof ordna li d-data tat-twaqqif tal-Parroċċa ta' Ħal Għargħur għanda tkun is-6 ta' Ottubru ta' l-1598 u hekk kien xieraq, għax il-Parroċċa ta' Ħal Għargħur bdiet tiffunzjona minn dak iż-żmien, tant, li aktarx li din hi d-data meta beda l-ħidma tiegħu f'Ħal Għargħur Dun Mattew Xriha.

L-isem ta' Triq San Ġwann il-Battista tfakkarna li fil-bidu ta' dan ir-raħal żgħir insibu knisja iddedikata lil dan il-qaddis b'ċimiterju ħdejha.

Il-qima lejn dan il-qaddis f'Ħal Għargħur hi qadima ħafna. Il-knisja oriġinali kienet ġiet ipprofonata fis-seklu sbatax iżda wara inbniet din li naraw illum. Hi knisja popolari ħafna min-nies tar-raħal billi tmiss maċ-ċimiterju li miegħu hemm midfuna bosta Għargħurin.

F'dan ir-raħal, li hu qrib ir-raba', insibu fih ismijiet marbuta ma' dan il-qasam. Fost dawn insibu Triq ix-Xwieki. Din hi l-plural tal-kelma Xewk.

Fil-gżejjer tagħna jikber ħafna xewk. Hemm varjetà kbira ta' pjanti tax-xewk bħal m'huma tax-xewk isfar, tax-xewk tal-kuruna, tax-xewk salvaġġ u oħrajn, iżda kollha fihom ħaġa komuni, li t-tarf tagħhom ikun iebes u jniggeż u jekk titniggeż joħroġlok id-demm!!

L-isem ta' Triq iż-Żagħruna tfakkarna f'siġra b'xewk ħoxnin li titla fuq l-għoljiet u twarrad ħafna f'Marzu iżda mbagħad insibu wkoll iż-Żagħruna barranija. Din hi siġra oħra iżda li tagħmel frott qisu pruna.
L-ismijiet ta' dawn iż-żewġ toroq fetħulna t-triq biex noħorġu 'l barra minn Ħal Għargħur u nżuru inħawi oħra pittoreski, li jagħmlu parti minn dan ir-raħal. Dawn l-inħawi huma magħrufa bħala "Il-Madliena". Hawnhekk, f'dawn l-aħħar tletin sena tela ħafna bini u infetħu bosta toroq b'ismijiet interessanti.

L-inħawi tal-Madliena huwa qasam art kbira qrib ix-xtajta ta' fuq ta' Malta bejn Baħar iċ-Ċagħaq u San Ġorġ. Hawn insibu irdum, torri u knisja li dawn it-tlieta jġibu l-isem ta' Madliena.

Ħa nibdew biex naraw ismijiet ta' toroq b'rabta ma' siġar, pjanti u fjuri u l-ewwel triq li se naraw iġġib l-isem ta' Triq l-Awrikarja.

Din hi siġra li togħla u tiftaħ il-weraq f'sura ta' piramida. Insibuha mħawla f'ġonna pubbliċi u kbar bħal Sant' Anton, il-Buskett, l-Argotti u ġonna oħra privati. Fuqha, bosta għasafar jsibu il-kenn tagħhom. L-isem ta' Triq Fomm l-Għeliem ifakkarna fi pjanta li tikber ħafna fit-triqat u widien ta' Malta l-aktar matul ix-xhur tax-xitwa. Xi wħud isejħulha wkoll Ranunkli. Din il-pjanta għandha weraq ħoxnin u jleqqu, b'tikka vjola u tagħmel fjuri sofor.

L-isem ta' Triq il-Ħummejr hu wkoll marbut ma' pjanta li tnisslet fil-Peru iżda li llum infirxet mad-dinja kollha. Din ikollha weraq ovali bi fjuri ifuħu, b'petali ta' lewn aħmar sabiħ li jiftħu filgħaxija għall-ħabta ta' Mejju qishom ġiżimin aħmar. Hekk isejħilha lil dan il-pjanta l-istoriku Aguis de Soldanis.
Il-gladjoli għandhom triq imsemmija għalihom fil-Madliena. Din il-fjura tikber bil-basla. Għandha zokk iebes b'weraq tawwali bil-ponta u b'ward bħal qanpiena fuq bastun. Il-basla tagħmel fjura waħda biss. Il-gladjoli insibuhom f'ħafna ilwien bħal ħomor, bojod, sofor, roża, vjola, oranġjo u ilwien oħra. Il-gladjoli, billi huma fjuri sbieħ huma imfittxija ħafna għall-arranġamenti tal-fjuri.

Pjanta oħra li għandha isimha imfakkar f'isem ta' triq fil-Madliena hija il-Pedidalwett. Din hi pjanta kultivata li togħla madwar itt ċentimetru b'weraq tawwali u tagħmel il-ward tagħha imdaqqas ta' lewn ikħal, roża u abjad. Dawn il-fjuri isebbħu din il-pjanta mir-Rebbiegħa sa dħul is-sajf.
Fil-Madliena wkoll għandna Triq il-Ħarrub. Kien xieraq li hawnhekk tissemma triq għal din is-siġra, għax fl-imgħoddi dawn in-naħat kienu miżgħuda bis-siġar tal-ħarrub. Din is-siġra sabiħa ħafna iżda tajjeb li ngħidu li hemm aktar minn kwalità waħda ta' ħarrub bħal mhu dak magħruf bħala "Ta' Grazzja". Din tagħmel ħarrub żgħir iżda aktar tond. Xi bdiewa jsejħu din il-kwalità ta' ħarrub bħala "Ta' Avla" u fl-imgħoddi din il-kwalità ta' ħarruba kienet imfittxija biex jaqtgħu minnha il-friegħi bgħula u jlaqqmu siġar oħra bihom biex hekk jgħinu in-nisel ta' din il-ħarruba.

Għadna wkoll il-ħarruba magħrufa bħala "Ta' Ġuda" għax jingħad li ma' siġra minnhom tgħallaq Ġuda. Din is-siġra ma tikbirx ħafna u għandha weraq li jimbaram u li jaqa fil-Ħarifa u tagħmel għenieqed ta' ward roża, li xi wħud jfittxuh għat-tiżjin.

Jekk fil-Madliena kien xieraq li tissemma triq il-Ħarrub daqshekk ieħor kien xieraq li tissemma oħra għas-Sagħtar għax hawnhekk, minkejja li llum tela' ħafna bini, fuq il-blat tal-Madliena jikber ħafna s-sagħtar.

Din hi xitla msaġġra iżda li ma tantx togħla. Għanda friegħi weqfin u ma twaqqax weraq. Dan il-weraq hu ftit aħrax u wkoll iniggeż u hu miksi bi glandoli li jarmu riħa tfuħ ħafna. Is-sagħtar jagħmel fjuri żgħir f'għenieqed.
\
Insibu kwalitajiet differenti ta' sagħtar bħal m'hu is-sagħtar ta' Franza. Dan ma tantx hu komuni u r-riħa tiegħu tixbaħ ħafna lill-merqtux.
Kwalità oħra ta' sagħtar hu msejjaħ "Tal-Qtates". Din tikber fil-ġonna u l-weraq tagħha jfuħ ħafna b'togħma qawwija li togħġob wisq lill-qtates u għalhekk tissejjaħ hekk. Fl-imgħoddi kienu jagħmluha duwa għal uġieħ ta' ras.

Daqxejn stramb jidher l-isem ta' Triq in-Nafra li nsibu fil-Madliena. Din il-kelma għandha tlett tifsiriet.
1. Ħarba bla rażan ta' ġemgħa nies biex taħrab mill-għadu;
2. Daqq ta' qniepen bħala alert li l-għadu kien qrib;
3. Ġemgħa nies tgħajjat bil-ferħ u l-allegrija.

Meta wieħed jgħaqqad dawn it-tlett tifsiriet jinduna li din it-triq tfakkarna f'dak li ġara hawnhekk f'Ġunju ta' l-1799, meta l-Franċiżi żbarkaw f'dawn l-inħawi.
B'rabta ma' din il-ġrajja, mhux 'il bogħod minn dawn l-inħawi, jiġifieri f'Baħar iċ-Ċagħaq, għandna triq li ġġib dan l-isem, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u għalhekk meta nagħtu t-tifsira ta' l-isem ta' din it-triq, inkunu fl-istess ħin infissru r-raġuni għaliex hawnhekk għandna Triq in-Nafra.

Inkomplu l-mixja tagħna fl-inħawi tal-Madliena u hawnhekk insibu ismijiet ta' tlett toroq marbuta ma' l-irjieħ.

L-ewwel waħda hi Triq Nofs in-Nhar. Ir-riħ nofsinhar jonfoħ mill-Afrika għal fuq il-Mediterran u hekk ikun riħ isfel. Xi drabi jissejjaħ wkol Sud. Insibu imbagħad in-Nofsinhar Ilbiċ li dan ikun ifisser riħ isfel li jonfoħ min-nofs triq bejn Ilbiċ u Nofsinhar u darbi fir-rapport tat-temp nisimgħu "In-nofsinhar ix-xlokk". Dan ikun ifisser riħ isfel li jonfoħ min-nofs triq bejn ix-Xlokk u Nofsinhar.

Insibu imbagħad Triq il-Lbiċ.

Dan ir-riħ jonfoħ fuq Malta mill-inħawi tal-Libja, riħ punent nofsinhar jiġifieri nofs triq bejn wieħed u l-ieħor. Xi drabi jkun imissna "Lbiċ qawwi" li jkun ifisser riħ qawwi li jiġi mill-Lbiċ li jqanqal ħafna l-baħar fil-fliegu t'Għawdex li jaħbat fuq l-Imġarr, b'taħbit u sogru għal min ibaħħar.
Fir-rapport ta' l-uffiċċju metreoloġiku xi drabi nisimgħu wkoll Lbiċ Nofsinhar. Dan hu riħ isfel ieħor li jonfoħ nofs triq bejn il-Lbiċ u Nofsinhar u fl-aħħarnett għandna wkoll Punent-Ilbiċ. Dan ukoll ifisser riħ isfel li jonfoħ f'parti oħra bejn l-Għarb u Lbiċ. Hemm proverbju Malti li jgħid "Ir-riħ Lbiċ jieħu u ma jġibx" u dan jingħad għax dan ir-riħ jnissel ħafna ħsara.
Triq il-Grigal tfakkarna f'wieħed mill-irjieħ tal-boxxla li jaħbat nofs triq sewwa bejn it-Tramuntana u Lvant.

Riħ griGal jonfoħ min-naħa tal-Greċja lejn Malta u meta jkun qawwi jaħbat fuq il-Port il-Kbir ta' gżiritna u jġib miegħu baħar tabilħaqq qawwi. Din il-kwalità ta' tempesta fuq l-art u l-baħar, il-Maltin laqmuha GRIGALATA. Hi tempesta li kemm-il darba laqtet lil gżejjer tagħna.

Kif għidna fil-bidu l-inħawi tal-Għargħur u l-Madliena joffru dehriet tabilħaqq pittoreski mimlija ġmiel naturali. Fost dawn insemmu l-inħawi ta' Wied id-Dis. Dan il-wied, li jsemmieh Ġian Franġisk Abela fl-1647, jgħaddi minn taħt tal-Balal għal Ħal Għargħur u l-Madliena.

Għal din ir-raġuni fil-Madliena nsibu triq imsemmija għal dan il-Wied, iżda l-isem Dis tfakkarna fi pjanta li tikber ħafna fil-gżejjer tagħna. Din għandha zokk wieqaf tal-qasab, b'weraq tawwali ta' lewn aħdar u jleqq. Fit-tarf jagħmel żbul qishom pjumi. Id-Dis jikber ħafna fil-widien u naturalment, għal din ir-raġuni dan il-Wied isemmà għalih.

Iż-żewġ toroq bl-isem Triq il-Militar u Triq il-Fortizza nistgħu ngħidu li għandhom l-istess tifsira marbuta mad-difiża li waqqfu f'dawn in-naħat tal-Madliena l-Ingliżi fis-seklu dsatax.
Il-Forti Madliena bdiet tinbena fl-1878. Din kellha l-iskop li isaħħaħ il-għassa u d-difiża ta' l-inħawi tal-Ivant tal-gżira tagħna.

L-Ingliżi bnewha fil-għoli ta' 132 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar biex hekk taqbad l-inħawi ta' San Pawl il-baħar u l-Mellieħa. Kif wieħed jistenna madwarha ħaffru foss fond. Din il-Forti qdiet missjoni mportanti ħafna fl-aħħar gwerra dinjija meta fuqha twaħħal l-aqwa radar li kellha gżiritna f'dawk iż-żminijiet imwegħra. Dan ir-radar kien jimmarka mill-ewwel l-ajruplani li kienu jersqu lejn Malta mill-inħawi tan-north.

Sal-1978 dan il-Forti kien għadu jintuża mill-Ingliżi bħala stazzjon tar-Radar. Illum għaddiet għand l-awtoritajiet Maltin.

Il-Bosta Maltin u Ingliżi li ħadmu f'dan il-Forti taħt l-awtoritajiet Militeri Ingliżi huma għalhekk imfakkra bl-isem ta' Triq il-Militar.

Isem ta' Triq il-Madliena qegħda tfakkarna f'Torri mibni f'dawn l-inħawi mill-Gran Mastru De Redin fl-1658. Dan it-Torri kien sewa erba' mija u sitta u erbgħin skud.
Irħama mwaħħla fuqu għadha tfakkarna f'dan il-Gran Mastru li waqqfu biex iħares lil dawn l-inħawi mill-attakki ta' l-għadu.

Il-Magħtab huwa qasam art li jinsab qrib il-Madliena fuq ir-riħ ta' l-inħawi magħrufa bħala Ġebel San Pietru qrib il-wied magħruf bħala "Tal-Faħam".

Dawn l-inħawi tal-Magħtab jinżlu imtarġa lejn il-Qala ta' Baħar iċ-Ċagħaq.
Il-kelma Magħtab tfisser ġemgħa ta' għetiebi fuq wiċċ l-art kollha imħarbta minn għatba għall-oħra, fejn min jgħaddi, jissogra li jogħtob. Għalhekk l-isem ta' Triq il-Magħtab qegħda tfakkarna f'dan il-post qrib ħafna l-inħawi fejn qegħdin nitkellmu fuqu.

L-istess nistgħu ngħidu għall-inħawi ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Hekk kienet tissejjaħ din id-daħla sabiħa bejn is-Salini u San Ġorġ.

Baħar iċ-Ċagħaq huma inħawi li llum żviluppaw ħafna u għalhekk infetħu hawn bosta toroq li ismijiethom huma wkoll interessanti bħal mhi Triq l-Iskalli.

Bil-kelma Skall nifhmu post aktarx żgħir, ġejna għan-niżla f'xatt il-baħar. Dan l-isem kien xieraq ħafna li jingħata lil triq li tinsab f'Baħar iċ-Ċagħaq billi fis-Sajf bosta dilettanti tad-dgħajjes jersqu lejn dawn l-inħawi sbieħ biex jistadu jew jgħaddu ftit ħin fuq il-baħar li jdawwar dawn l-inħawi.
Nibqgħu qrib il-baħar għaliex l-isem ta' Triq il-Lampara għandha wkoll rabta mal-baħar.
Il-lampara hija lampa kbira u b'dawl abjad qawwi li tiġbed il-ħut fil-baħar lejn ix-xbiek mitluq mis-sajjieda f'dgħajjes għalihom bil-lejl. Fost is-sajjieda din il-kwalità ta' sajd hi magħrufa bħala "Sajd il-lampara".

Triq il-Palm nistgħu wkoll norbtuha mal-baħar.
Qabel xejn il-palma hi siġra li iżejjen ħafna u għalhekk narawha tikber f'bosta ġonna u toroq.
Il-weraq tal-palm jintuża għas-sajd tal-lampuki. Is-sajjieda jużaw dawn il-weraq u jniżżluhom fil-baħar biex il-lampuki jersqu taħthom u hekk dawn il-weraq tal-palm iservu bħala nasa biex tinqabad il-lampuka.

Għalhekk l-isem ta' Triq il-Palm f'Baħar iċ-Ċagħaq nistgħu ngħidu li għandha żewġ skopijiet. L-ewwel billi f'dawn l-inħawi insibu bosta siġar minnhom u t-tieninett bosta sajjieda, li jiffrekwentaw dawn l-inħawi, jużaw dawn il-friegħi tal-palm għas-sajd tal-lampuki.

L-isem ta' Triq is-Sikka għanda wkoll rabta mal-baħar għaliex din il-kelma ifisser lsien blat u ramel, ftit jew wisq, twil maħruġ 'l barra mill-art, li jkun taħt wiċċ il-baħar, u għalhekk tkun ta' periklu għal baħħara.

Triq ix-Xambekk, f'Baħar iċ-Ċagħaq tfakkarna f'għamla ta' mirkeb il-baħar li dari kien jintuża għas-sajd. Wara, mal-mixja tas-snin ix-xambekk żviluppa f'ġifen li kien iġorr it-tagħbija fl-ibħra Mediterranja fi żmien il-kursari. Ix-xambekk kien ikollu tlett iqlugħ immejla lejn il-pruwa.

Triq is-Sibbiena għandha wkoll rabta mal-baħar. Sibbiena kienu jissejħu l-ħallelin tal-baħar jew ta' l-art li jaħtfu u jġorru magħhom nies u bhejjem. Din il-kelma ma tantx tintuża fil-lingwaġġ tagħna iżda Anton Emmanuel Caruana użaha fl-ewwel kapitlu tar-rumanz magħruf tiegħu 'Inez Farruġ'. Dan il-kittieb ħallielna din id-deskrizzjoni "Imżiegħed kien il-baħar ta' madwarna bis-sibbiena toroq u Għarab tal-Barberija...' imbagħad il-Professur Ġużè Aquilina, fin-nota tiegħu jagħti l-ispjega ta' din il-kelma filwaqt li jżid jgħid li din il-kelma illum hi kważi mejta iżda f'Għawdex, il-professur Aquilina sab li din il-kelma tfisser ukoll marda tal-bhejjem bħal żwiemel jew ħmir li tqaxxrilhom riġlejhom.

L-aħħar isem ta' triq li se naraw f'dawn l-inħawi hi triq l-iżbark tal-Franċiżi. Diġa għamilna referenza għall-isem ta' din it-triq meta tkellimna dwar Triq in-Nafra.

Dawn iż-żewġ ismijiet jieħduna lura għal jum tal- 10 ta' Ġunju tas-sena 1798, meta l-qawwa Franċiża magħmula minn erbgħin elf ruħ niżlu fil-gżejjer tagħna. L-iżbark sar għal ħabta ta' l-erba' ta' filgħodu fl-inħawi ta' San Ġorġ, San Ġiljan u Baħar iċ-Ċagħaq

Il-ftit nies l-aktar sajjieda u bdiewa li kienu joqogħdu f'dawn l-inħawi, tnaffru mill-inħawi malli raw dawk is-suldati Franċiżi qrib tagħhom.

B'tifkira ta' din il-ġrajja insibu Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, filwaqt li fl-inħawi tal-Madliena insibu Triq in-Nafra, b'tifkira ta' dak li għamlu l-bdiewa u s-sajjieda meta raw il-qawwa Franċiża qrib tagħhom.